

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.7950 — EGB/GP)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 103/05)

1. Fl-10 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriżi Česká spořitelna, a.s. ("CSAS", ir-Repubblika Ċeka); Slovenská sporiteľňa, a.s. ("SLSP", is-Slovakkja) u Banca Comercială Română S.A. ("BCR", ir-Rumanija), li jappartjenu lil Erste Group Bank AG ("EGB", l-Awstrija) min-naħa l-waħda, u Global Payments Inc. ("GP", l-Istati Uniti tal-Amerika) fuq in-naħa l-oħra, jakkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Global Payments s.r.o. (il-joint venture, "JV") permezz ta' trasferiment tal-assi u x-xiri f'kumpanija mwaqqfa għida li tikkostitwixxi f'impriża konġunta (joint venture).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- EGB: il-provvista ta' servizzi bankarji, servizzi finanzjarji u servizzi ta' pagamenti fosthom servizzi ta' affiljazzjoni ta' kummerċjanti fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant,
- GP: il-provvista ta' servizzi ta' pproċessar tal-pagamenti bil-kard, fosthom servizzi ta' affiljazzjoni ta' kummerċjanti fiż-ŻEE, kif ukoll globalment,
- JV: il-provvista ta' servizzi ta' affiljazzjoni ta' kummerċjanti fir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja u r-Rumanija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7950 — EGB/GP, fl-indirizz li ġej:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").